Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,834, 31 ta' Awissu, 1999
Taqsima B

A.L. 150 ta' l-1999

ATT TA' L-1999 DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (ATT NRU. XII TA' L-1999)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1 ta' l-Att ta' l-1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għat-Turiżmu stabbilixxa l-1 ta' Settembru, 1999 bħala d-data meta dawn id-dispożizzjonijiet u għanijiet li ġejjin ta' l-Att għandhom jibdew iseħħu:

(i) l-artikoli 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11;

(ii) is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 biss safejn dan jirreferi għall-paragrafi (a) u (ċ) tat-Tieni Skeda;

(iii) is-subartikoli (3), (4), (5), (7) u (8) ta' l-artikolu 12, u s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 12 minbarra fejn dan is-subartikolu jirreferi għad-Direttorat ta' l-Infurzar;

(iv) l-artikoli 15, 16, 17, 47, 50, 51, 52 u l-artikolu 53 biss sakemm dan iħassar l-Att dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu;

(v) l-Ewwel Skeda;

(vi) il-paragrafi (a) u (ċ) tat-Tieni Skeda;

(vii) ir-Raba' Skeda.